# ARĊIDJOĊESI TA’ MALTA

**Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta’ knejjes u Superjuri Reliġjużi**

## ĠIMGĦA TA’ SAGRIFIĊĊJU 2016

Bħal snin oħra, is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika se jorganizza “Ġimgħa ta’ Sagrifiċċju” minn nhar il-Ġimgħa tad-Duluri sal-Ġimgħa l-Kbira, jiġifieri bejn it-18 ta’ Marzu u l-25 ta’ Marzu 2016 bit-tema:

**“Għax meta nagħtu, aħna naqilgħu”**
Talba assoċjata ma’ San Franġisk

Għal dan l-iskop, matul id-dati msemmija hawn fuq, f’kull knisja fl-Arċidjoċesi għandhom jitqiegħdu kaxxi bil-kitba “Ġimgħa ta’ Sagrifiċċju”, biex nitfgħu fihom l-offerti tagħna.

Bis-saħħa tal-offerti ġenerużi tagħna, speċjalment matul il-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju, fis-snin li għaddew is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika kompla jiżviluppa l-ħidma tiegħu, u għen materjalment ħafna individwi u familji fil-parroċċi. Ħarreġ ukoll persuni u saħħaħ l-organizzazzjoni tiegħu biex jingħata servizz kemm jista’ jkun wiesa’ lil ħutna li jeħtieġu diversi forom ta’ għajnuna.

Bl-għajnuna ġeneruża li nagħtu lil dawn il-ħidmiet ta’ Karità li aħna, bħala Knisja, qegħdin inżommu f’Malta, inkunu qegħdin naqdu lil Kristu Gesù f’ħutna li jinsabu fil-bżonn. Fl-istess ħin inkunu nfissru l-apprezzament tagħna lejn dawk li jmexxu dawn il-ħidmiet jew jaħdmu fihom bil-qalb u b’sagrifiċċju bħala volontiera jew impjegati. Il-Mulej ibierek u jippremja kull sagrifiċċju li nagħmlu biex infissru b’mod prattiku l-imħabba tagħna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 29 ta’ Frar 2016.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joe Galea Curmi
Vigarju Ġenerali